**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
Martina Grech - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Martina Grech u Daniel Ablett talbu li jkunu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**Approvazzjoni ta' Minuti nru 52**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 52, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Il-Kunsillier Doris Zammit talbet korrezzjoni għall-Minuti kif ġej:

'Il-Kunsillier Doris Zammit qablet mal-fatt li l-magna tal-BCRS mhix postha f'dik iz-zona'.

Il-Kunsill approva l-korrezzjoni mitluba.

Il-Minuti għal Seduta Nru 52 ġew approvati b'mod unanimu.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2023 inżammet it-Tnedija tar-Reġjun Kulturali 2023 fejn Ħal Qormi se jkun qed jipparteċipa permezz ta' attivita' kulturali matul ix-xahar ta' Mejju 2023. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li din l-attivita' se tkun qed issir qrib l-attivita'

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħalma jaf kulħadd mit-2 ta' Jannar inbeda s-servizz ta' ġbir ta' skart mir-Reġjun Nofsinhar. Bħala servizz in ġenerali qed jingħata tajjeb ħafna, iżda għad għandna diffikultajiet f'ċertu toroq, b'mod partikolari bl-iskart ta' xi sqaqien. L-akbar issue li għandna hija

l-ġbir ta' skart tal-ħwienet, fejn bil-kuntratt il-ġdid, il-kuntrattur mhux obbligat li jiġbru. Dan ifisser li l-ħwienet m'għandhom servizz ta' ġbir ta' skart. Bħalissa għaddejja korrispondenza sħiħa mar-Reġjun Nofsinhar dwar din l-*issue* u se jkun qed isir *meeting* mal-Kuntrattur sabiex tinstab soluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet ukoll stima tal-ispejjeż li se jibda' jkollu l-Kunsill, relatat ma' dan is-servizz, iżda hemm diffikultajiet għaliex għadhom ma jafux kif se jinħadmu l-kontijiet.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** ġibdet l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' ġbir ta' skart ta' Dar Bjorn. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-kwistjoni ġiet solvuta.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li bil-liġi l-ħwienet għandu jkollhom servizz privat iżda matul is-snin l-iskart tal-ħwienet beda jinġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li jekk il-Kunsill kien se jagħmel *exception* għal Dar Bjorn, kien se jkun obbligat jagħmel *exception* għal każini tal-baned eċċ. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li intalbet stima lill-kuntrattur tar-reġjun għall-ġbir tal-iskart ta' Dar Bjorn, liema stima kienet ta' madwar € 5000 fis-sena. Is-Sindku qal li mar-Reġjun dejjem iddiskuta li jekk il-Kunsill kien iħallas € 10 għal ġbir kollu, b'tal-ħwienet inkluż, il-Kunsill Lokali qed jistenna l-istess servizz bl-istess spejjeż. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li hu mhux lest jagħmel spejjeż addizzjonali.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa x'se jkun qed jiġri dwar il-ġbir tal-iskart li se jiġi ġġenerat matul il-festi tal-lokalita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li dak is-servizz kien jitħallas extra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal din is-sena r-Reġjun għamel arranġamenti sabiex għal din is-sena l-iskart iġġenerat mill-festi jinġabar.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn , liema korrispondenza se tintbagħat lir-residenti wkoll, fejn aħna qegħdin naġixxu llegali jekk inqabbdu servizzi llegali l' barra mill-kuntratt. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li hekk se jkollna miżbliet madwar il-bring-in sites u żoni oħra, hekk kif dan is-servizz kien qed jingħata mill-Kunsill, a spejjeż tiegħu ukoll, ma jistax jibqa' jingħata.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar boroż suwed li hemm mormija fi Triq il-Vitorja, mal-istatwa ta' San Ġużepp, liema boroż għandhom hemm sas-Sibt. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'każi simili l-Kunsill obbligat jirraporta lill-Cleansing Department, li spiċċaw jiġbru ż-żibel ta' kullimkien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tħossha mbarazzata mis-Sur Deguara li ta' kuljum qed tispiċċa tgħaddilu r-rapporti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li issa l-ġbir tal-iskart m'għadux f'idejn il-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skont Kapitlu 363, ir-responsabbilta' għadha tal-Kunsill Lokali, iżda kien hemm żieda ta' Artiklu, li l-Kuntratt qed jiġi amministrat mir-Reġjun.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma' l-miżbliet żgħar li qed jinġema' madwar il-BCRS machines ukoll u jiddispjaċih għall-fatt li l-Kunsill investa fil-kuntratti kollha tat-tindif u ħa passi drastiċi, meta twaqqfu kuntratturi li ma kienux qed jagħtu s-servizzi skont il-kuntratti li ffirmaw, fosthom tan-Non-Urban u tal-ġonna u erġajna spiċċajna bil-lokalita' miżbla sħiħa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li kellmuh ir-residenti fejn qalulu li kellmu lir-Reġjun fejn qalulhom ikellmu lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li r-residenti m'għandhomx iċemplu r-Reġjun. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li mhux sew li qed jużawna bħala Customer Care u għerrqu l-lokalita' fiż-żibel. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li r-Reġjun wiegħed ukoll l-infurzar fil-lokalita'.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se titqassam ittra lir-residenti, li fiha se jiddaħħal il-kontenut tal-korrispondenza li ntbagħtet mid-Dipartiment u din il-korrispondenza mhux biex inneħħu r-responsabbilta' minn fuq il-Kunsill, iżda biex ir-residenti jkunu nfurmati. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento staqsa jekk hemmx aktar proposti mill-membri sabiex jittieħdu aktar azzjonijiet mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li għaliss tintbagħat il-korrispondenza u daqshekk.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li hemm problema bil-ħinijiet tal-ġbir, fejn il-ġbir qed isir fis-7.00a.m. jew qabel. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill kien ippropona li l-ħin tal-ġbir jibda fis-7.30a.m.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ppropona li ssir laqgħa mal-entitatjiet tal-infurzar.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *Greenpak* fejn qed jipproponu li jinstallaw *CCTV* fuq 8 bring-in sites li għandna f'Ħal Qormi, bil-Kunsill jidħol għall-ispiża ta' nstallar ta' arbli u ħlas tas-servizz tal-internet li jammonta € 29.50 fix-xahar għal kull sit. Spiża ta' € 2900 fis-sena. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ma qabilx li jidħol għal din l-ispiża.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** nfurmat li l-letrina ta' Triq San Bartolomew.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-kuntrattur ma nfurmax li hemm il-ħsarat. Tqajjmet l-issue tal-kontijiet bankarji tal-kuntrattur, fejn dan qed jitlob li jintuża account ta' Revolut. Barra minhekk il-garanzija bankarja baqgħet ma ġietx ippreżentata. Il-Kunsill issuġġerixxa li tintalab direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħlasijiet fuq Revolut.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** daħlet għal-laqgħa. 6:55p.m.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li wasal l-ewwel kont tar-*rain water culverts* li saru fi Triq id-Deheb Fin, Triq il-Ħarifa u Triq id-Dielja. Kont li jammonta għal € 92,600. Issa għandna problema, għax TM qed jipretendu li jsir resurfacing bil-hot asphalt fuq it-trinek li saru. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk l-ammont imsemmi jinkludix il-gradilji tal-ħadid. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-gradilji mhux imdaħħlin fil-kont, għaliex għadhom ma sarux.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-Kunsill ma jistax jidħol għall-ispiża ta' resurfacing, aktar u aktar hekk kif se jsir xogħol ta' tibdil ta' servizzi mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa x'jista' jsir dwar in-nuqqas ta' re-instatement skont is-sengħa relatat ma' xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jekk hux possibli li nifthu kawża rigward il-fatt li minħabba s-servizzi t-toroq tagħna ġew imfarrkin.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li għandu suspett li din il-kwistjoni tar-resurfacing saret wara, bil-pretenzjoni li jieħu aktar xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn il-conditions ġew mogħtija minn Transport Malta.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma' bosta nuqqasijiet tal-kuntrattur fosthom il-problemi li nqalgħu fi Triq il-Wied, Triq San Pawl u Triq il-Blata u għaldaqstant il-Kunsill għandu jittermina l-kuntratt in kwistjoni.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** pproponiet li l-Kunsill jiltaqa' ma' Infrastructure Malta u jiddiskuti r-resurfacing ta' dawn it-tlett toroq magħhom, bil-proposta li jittieħdu mit-12,000 m$^2$ imwiegħda għas-sena 2023.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li talab informazzjoni dwar l-applikazzjoni li bħalissa hemm quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar bin-numru PA/0776/22, lill-Perit tal-Kunsill u sal-lum baqa' mingħajr risposta. Għaldaqstant ippropona li tinħareġ default notice. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li l-Kunsill jibgħat *Representation Letter* dwar dan l-iżvilupp.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li il-ġimgħa l-oħra kien hemm is-Seduta tal-Qorti u tela' jixhed il-perit tal-Kunsill. Jidher li fix-xhiedha beda jħawwad ħafna għaliex ma kienx konxju tax-xogħlijiet u r-*rectifications* li kien hemm bżonn. Sfortunatament l-Perit kien iċċertifika x-xogħlijiet wara li kien sar kuntatt minn RockCut. Fis-seduta li jmiss, li se tinżamm fid-9 ta' Frar is-Segretarju Eżekuttiv se terġa' titla' tixhed u nittamaw li permezz ta din ix-xhieda jkun hemm l-affarijiet ċari. Nittamaw li x-xhiedha tal-perit ma tgħinx li l-kawża tintrebaħ minn RockCut.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta korrispondenza mill-Kumitat Tismija tat-Toroq għall-proposti ta' tismija ta' toroq fil-kampanja li għadhom mingħajr isem. Il-Kunsill approva l-ismijiet proposti.

**Karnival 2023**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-okkażjoni tal-Karnival 2023 se jkun qed isir party għat-tfal qriema. Ġie propost li l-attivita' ssir jew fl-Oratorju Sagra Familja jew fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali San Sebastjan sabiex takkomoda kemm jista' jkun tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-istaff ma jistax ilaħħaq ma' 100 tifel u tifla u l-Kunsill għandu jkun kawt meta jorganizza tali attivitajiet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li wara s-suċċess tas-sena li għaddiet se terġa' ssir il-kompetizzjoni bejn l-istudenti tal-iskejjel primarji.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ġie mistieden għall-Konferenza Stampa organizzata mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali dwar il-Proġetti Kapitali.

**Laqgħa tal-Lokalita'**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill huwa obbligat li jorganizza Laqgħa tal-Lokalita'. Ġie propost u approvat li l-laqgħa tinżamm it-Tlieta 7 ta' Frar 2023 fis-6.30p.m., fis-sala tal-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici.

**Performance Appraisal Reports**

**Mozzjoni Nru 113 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, japprova l-impjegati jingħataw Performance Bonus kif ġej;

| | |
|---|---|
| Uffiċjal fi Skala 10 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 10 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 10 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 15 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 15 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 15 | 6% |
| Uffiċjal fi Skala 16 | 6% |

Dan fid-dawl tal-fatti li matul is-sena 2022, l-impjegati tal-Kunsill Lokali ħadmu b'mod tajjeb ħafna, liema ħidma tirrifletti fis-servizz mogħti matul is-sena u s-sehem dinamiku tagħhom fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda. Il-Mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**Mozzjoni Nru 114 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill jirrakkomanda lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li s-Segretarju Eżekuttiv, jingħata Performance Bonus ta' 10%.

Dan fid-dawl tal-fatti li matul is-sena 2022, il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv kienet waħda sodisfaċenti u laħqet il-miri mitluba mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri u Dr Sean Apap Meli ssekondaw il-mozzjoni.

Il-Mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2022.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2023.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet.

**Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsillier Doris Zammit talbet li l-Kunsill jibgħat kard ta' Simpatija lill-familja ta' Rita Camilleri li sfat maqtula fil-Kanada.

Il-Kunsillier Doris Zammit ġibdet l-attenzjoni dwar l-iżbalji fl-ortografija fil-ġurnal tal-Kunsill, Id-Dielja u talbet li tkun fuq il-bord editorjali.

Il-Kunsillier Doris Zammit ġibdet l-attenzjoni dwar ir-ritratt ufficjali tal-Kunsill. Sar qbil li r-ritratt jittieħed nhar it-Tlieta 7 ta' Frar qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku nfurma li nhar il-Ħadd 5 ta' Frar 2023 se ssir l-ikla bejn il-membri u l-istaff.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 7 ta' Frar 2023 fis-6.00p.m.

Konfermati, illum **7 ta' Frar 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |